MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru. 13/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
v

**GEORGE SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE SCHEMBRI** ta’ disgha w tletin sena, bin Joseph u Josephine nee Zammit, imwieled Victoria, Ghawdex nhar s-sebgha ta’ Marzu 1966 u residenti Flat 4, Neptunies, Triq Ulisse, Malsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 9066G gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’Ghawdex, fil-wiehed u tletin ta’ Lulju 2004, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi

persuna, akkuza quddiem awtorita kompetenti lil Edward Buttigieg b'reat ta' serq filwaqt li kien jaf li l-istess Edward Buttigieg ma kienx hati tal-akkuza intavolata kontra tieghu.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sehhx.

Talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, mmalafama lil istess Edward Buttigieg bi kliem.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta' April 2005 esibit a fol 4 tal-atti markat bhala dokument CSH sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 29].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar l-erbgha ta' Mejju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2005 **xehed Edward Buttigieg** [fol 13] fejn qal li hu kien mar ghand Dottor Angelo Farrugia sabiex jaghmel rapport fil-konfront tal-imputat mal-pulizija.  Spjega li hu kien biegh hames kaxxi Heineken lil imputat u kien lahaq beda johrog dawn il-hames kaxxi mill-vann li kellu, ghadda erbgha minnhom lil Joshua Grech u kaxxa ohra baqa diehel biha fil-hanut tal-imputat.  Qal li dak l-hin kien talab lil imputat biex jhallsu tlett liri u sittin centezmu.

Zied jghid li dak l-hin kellu l-flus tieghu f'idejh u l-imputat beda jghidlu li dawk l-flus kienu tieghu w aggredih, qattalu l-qmis li kien liebes u beda jaghtih daqqiet fuq rasu u stordih tant li spicca kokka mal-art. Qal li hu irnexxilu jiehu l-flus tieghu lura minn idejn l-imputat u telaq 'l barra mill-hanut tal-imputat u qabad u cempel lil pulizija.

Zied jghid li wara kien mar l-lavrant tal-imputat li kien liebes flokk ahdar u qallu biex jahfirlu lil imputat ghal dak li kien gara, pero hu ma ridtx ghal darba, darbtejn. Qal li sussegwentement saret il-kwerela. Kompla jghid li l-imputat fl-ebda hin ma ghamel rapport dwar dan, kien hu li rrapporta lil imputat. Qal li s-Surgent kien staqsih kif kellu l-flus f'idejh u hu tah spjegazzjoni li l-flus li kellu f'idejh kienu gew ghandu minn diversi nies. Qal li hu kien ta invoices lil imputat biex jipprova dan il-fatt lil imputat u cioe sabiex jikkonvincih minn fejn kien gabar il-flus, u dan ghamlu permess tas-Surgent kien qallu x'kien allega l-imputat fil-konfront tieghu, u cioe li hu kien seraq lil imputat il-flus li kellu go vazett fil-hanut tieghu. Qal li l-imputat kien ra l-flus f'idejh peress li kien harighom mill-but biex jaghmel l-flus li kellu jithallas mill-imputat maghhom u wara jerga jdahhalhom fil-but.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2005 **xehed Joshua Grech** [fol 15] fejn wara li gie mfisser lilu s-sinifikat tal-gurament, qal li hu kien ta erbgha kaxxi Heineken lil imptuat u dan ghaliex hu kien qed jghin lil Edward Buttigieg. Qal li kien jaf li l-imputat kien ghadu ma hallasx lil Edward Buttigieg tal-erbgha kaxxi Heineken. Zied jghid li f'xi hin Edward Buttigieg, li kien hdejn omm l-impuuat, hareg il-flus li kellu fil-but tieghu u l-imputat hareg mill-hanut biex jaqdi xi nies barra. Zied jghid li sadanitant, l-imputat rega' dahal fil-hanut u ra l-flus li kien hareg mill-but Edward Buttigieg u l-imputat haseb li dawk l-flus kienu tieghu u dar fuq Edward Buttigieg w allega li dawk l-flus li kellu f'idejh, kienu tieghu. Kompla jghid li Edward Buttigieg beda jimbotta lil imputat lil hinn u l-imputat qatta l-qmis ta' Edward Buttigieg. Qal li dak l-hin hu rega' qabad l-erbgha kaxxi Heineken u dahhalhom fil-vann ta' Edward Buttigieg filwaqt li dan tal-ahhar cempel lil pulizija.

Mistoqsi fejn izomm l-flus Edward Buttigieg, x-xhud wiegeb li jzommhom fil-but u mhux fil-kartiera. Mistoqsi jekk marrux x'imkien iehor qabel ma marru ghand l-imputat dakinhar, x-xhud wiegeb li kienu qed iqassmu x-xoghol u fil-fatt kienu ghadhom kemm gew mill-Imgarr Hotel fost postijiet ohra u li dakinhar kienu rcivew flus minghand il-klijenti taghhom. Mistoqsi jekk hu kienx qed jahdem ghal Edward Buttigieg, x-xhud wiegeb li hu jghinu ftit fix-xoghol.

Qal li huwa veru li meta l-imputat hareg mill-hanut, kien ghadu ma hallasx lil Edward Buttigieg tal-Heineken li kien xtara. Mistoqsi jekk rax xi vazett bil-flus, x-xhud wiegeb li kien ra lil l-imputat johorg l-vazett bil-flus minn go cupboard u hallih fuq il-bank maghluq u hareg barra jaqdi xi nies. Mistoqsi jekk x'hin rega' dahal fil-hanut l-imputat, l-vazett kienx ghadu maghluq, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf, ma kienx ta kaz. Qal li huwa minnu li l-imputat beda jallega ma Edward Buttigieg li qed imisslu l-flus mill-vazett. Qal li hu fl-ebda hin ma ra lil Edward Buttigieg jersaq lejn dan l-vazett.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2005 **xehed PS 1040 John Grima** [fol 17] fejn qal li nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2004, l-imputat kien ghamel rapport li Edward Buttigieg kien hadlu l-flus mill-vazett li kellu fuq l-bank u dan wara li l-istess Buttigieg kien ghadu kemm gablu erbgha kaxxi Heineken.

Qal li fil-fatt kien urieh vazett tal-mayonaise li kien fih zewg saffi u l-halq tal-vazett kien wisa tant li tidhol id. Qal li hu kien tkellem ma Edward Buttigieg fejn wara li tah s-solita twissija dan qallu li hu kellu disgha w sittin lira fuqu u l-imputat kien hatafhomlu minn idejh. Qal li mieghu kien cahad li ha xi flus tal-imputat. Mistoqsi minn fejn kien gab il-flus li kellu fil-pussess tieghu, Edward Buttigieg kien wiegbu li kien gabhom mix-xoghol ta' deliveries li kien ghamel aktar kmieni dakinhar.

Zied jghid li saret tfittxija fuq il-persuna ta' Edward Buttigieg u fil-vettura tieghu liema search rrizultat fin-

negattiv. Ix-xhud esbixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS u n-notamenti originali mehuda a tempo vergine tal-investigazzjoni li gew immarkati bhala dokument PS 1. Ix-xhud kompla jispjega li l-imputat kien spjegalu li fil-vazett kellu zewg mazzi liri sa x'hin hareg barra mill-hanut u x'hin irritorna lura, l-ewwel saff ma kienx hemm.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2005 **xehed PC 1368 Edward Camilleri** [fol 24] fejn qal li fil-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 ghal habta ta' nofsinhar neqsin kwart waqt li kien xoghol Marsalforn, kien mar Edward Buttigieg u qallu biex imur mieghu n-Neptunes Restaurant peress li l-imputat kien qed jallega li hu kien seraqlu xi flus u anke aggredih.

Qal li hu mar fuq il-post fejn sab lil imputat, staqsih x'kien gara u dan qallu li Edward Buttigieg kien hadlu hames kaxxi birra u qaghad jistenna hdejn il-bank biex jithallas fejn kien hemm vazett vojt tal-mayonaise li kien hemm l-flus fih u l-imputat allega mieghu li Edward Buttigieg kien hadlu xi flus minnu.

Qal li meta staqsa lil imputat jekk kienx cert minn dik l-allegazzjoni tieghu, dan kien wiegbu fl-affermattiv. Qal li meta staqsih kemm kien allegatament hadlu flus Edward Buttigieg, l-imputat wiegbu li xi mitejn jew tlett mitt lira. Qallu li fil-vazett kellu xi hames mitt lira maltin.

Qal li fir-restaurant in kwistjoni kien hemm omm l-imputat u meta kellimha din qaltlu li fl-ebda hin ma rat lil Edward Buttigieg jiehu xi flus tal-imputat. Qal li fuq dan li qalet omm l-istess imputat, hu kien rega' staqsa lil imputat jekk kienx cert mill-allegazzjoni li kien qed jaghmel fil-konfront tal-imputat u ghal darb'ohra wiegeb li kien cert. Zied jghid li hu kien baghat ghal Edward Buttigieg l-ghassa Marsalforn fejn kien hemm s-Surgent Grima u halla l-investigazzjoni f'idejh. Qal li l-imputat lilu ma kienx qallu "bejn mitejn u tlett mitt lira" izda qallu "jew mitejn jew tlett mitt lira." Qal li meta s-Surgent Grima ghadd l-flus li kien baqa fil-vazett, sab jew mitejn jew tlett mitt lira. Zied jghid li fin-Neptunes Bar hu mar biex jinvestiga rapport li kien

ghamel Edward Buttigieg, pero l-imputat kien talbu sakemm kien hemm biex jiehu passi kontra Edward Buttigieg.

Illi nhar t-tmeinja ta' Novembru 2005 **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 31] fejn qal li fil-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 kien gie nfurmat mis-Surgent Grima li kien hemm incident f'Marsalforn fejn gie rappurtat li kien hemm glieda n-Neptunes u x'hin mar hemmhekk ma PS 1368 Edward Camilleri, sab lil imputat kif wkoll lil certu Edward Buttigieg li kienu qed jillitikaw. Qal li l-imputat kien qed jallega li Edward Buttigieg kien seraqlu xi flus mill-hanut. Gie mistqarr li Edward Buttigieg, li huwa salesman, kien qed idahhal xi kaxxi tal-birra ghand l-imputat u l-imputat induna li kellu vazett fuq l-bank tal-bar li kien fih xi flus u dan sabhom neqsin u gew f'argument. Gie allegat wkoll li waqt dan l-argument, l-imputat hataf il-flus li kellu f'idejh Edward Buttigieg li kien ghadu kemm hareg mill-but tieghu u hadhomlu ghaliex allega li kien hadhomlu mill-vazett. Zied jghid li hu nvestiga lil Edward Buttigieg fejn dan kien tah lista tal-flus li kien gabar dakinhar mid-diversi hwienet li kien mar jikkonsenja x-xoghol u fil-fatt kien anke kellem xi nies minn dawk li ndikalu Edward Buttigieg.

Qal li sussegwentement ircieva kwerela minghand Dottor Anglu Farrugia biex jittiehdu passi kontra l-imputat minhabba rapport falz. Mistoqsi min kienu n-nies tal-hwienet li lilhom kien ikkonsenja x-xoghol Edward Buttigieg, ix-xhud wiegeb li kien hemm hafna. Mistoqsi jekk ghandux lista ghaliex Edward Buttigieg kien semmihomlu waqt l-istqarrija. Qal li waqt l-investigazzjoni hu kien baghat xi nies tieghu jghamlu kuntatt ma dawn n-nies li lilhom Edward Buttigieg kien biegh xi xoghol. Mistoqsi jekk kienx ircieva xi kwerela minghand Dottor Kevin Monpalao sabiex jiehu passi kontra Edward Buttigieg fuq serq, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

Illi nhar l-erbgha ta' April 2006 **xehed l-imputat George Schembri** [fol 38] fejn qal li xogholu u b'restaurant li jismu Neptunes Bar and Restaurant sitwat f'Marsalforn. Qal li lil Edward Buttigieg kien jafu peress li kien imur ibieghlu xi xoghol. Qal li dakinhar tal-incident u cioe nhar il-wiehed u

tletin ta' Lulju 2004, Edward Buttigieg kien mar filghodu ghandu jistaqsih jekk riedtx xi haga ghaliex kellu l-birra bl-irhis u qallu biex jaghtih hames kaxxi.  Qal li mieghu Edward Buttigieg kien hemm l-lavrant tieghu.

Kompla jghid li Edward Buttigieg qabad il-kaxxi u dahhalhom fl-istore tieghu fir-restaurant.  Qal li lil Edward Buttigieg dejjem flus kontanti jaghtih u l-flus kien izommhom go kexxun wara l-bank go vazett tal-hgieg trasparenti.  Zied jghid li dakinhar Edward Buttigieg talbu biex jhallsu biex jitlaq, hu hareg il-flus mill-vazett, hallas xi klijenti u hareg barra u halla l-vazett miftuh.  Qal li l-vazett kien fih zewg saffi flus, xi tlett mitt lira u f'xi hin rahom f'idejn Edward Buttigieg. Qal li ra mazz minn dawn il-flus li kellu fil-vazett.  Qal li x-xoghol Edward Buttigieg dahhlu dakinhar stess.  Qal li Edward Buttigieg ma kellu xejn f'idejh hlief x-xoghol tieghu.  Qal li l-hlas kien ghadu ma sarx.  Zied jghid li meta mar biex jhallas lil Edward Buttigieg, qallu "l-flus mhux qeghdin ghandek.  Qbadtu u hadt nofshom" u talbu biex jhallihom fejn kienu.  Qal li l-flus kienu mhallta, ghaxar lirijat u hames lirijat.  Kompla jghid li imbaghad Edward Buttigieg qabad u hareg x-xoghol li kien dahhal u qal li kien ser icempel Malta biex imur Spettur. Qal li Edward Buttigieg cempel u hu cempel wkoll.  Ix-xhud zied jghid li x'hin hu hareg mill-hanut ma kien hemm hadd familjari fil-hanut, ommu kienet ma mejda bil-qeghda pero 'l boghod minn fejn kein hemm l-vazett bil-flus.  Qal li hu m'ghamilx r-rapport tieghu bi zball u li kien ghadu jippretendi l-flus ghalkemm m'ghamilx kawza civili ghalihom.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 **xehed Dottor Kevin Monpalao** [fol 13] fejn qal li l-imputat kien kellmu immedjatament wara li kien sehh l-kaz u kienu ghamlu kwerela fil-konfront ta' Edward Buttigieg rigward dan il-kaz ta' tehid ta' flus.  Qal li l-kwerela kienet bil-miktub u kien ghadda kopja lil pulizija taghha.  Qal li hu kien ta struzzjonijiet lil imputat biex ma jiehdux passi civili f'dak l-istadju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien ghamel rapport mal-pulizija ezekuttiva ma PS 1040 John Grima, li Edward Buttigieg kien seraqlu xi flus mill-vazett tal-hgieg li hu kellu fuq bank fil-parti ta' wara tar-restaurant tieghu. Dakinhar stess l-pulizija kellem lil Edward Buttigieg w ikkonfrontah b'dan r-rapport u Edward Buttigieg ikkonferma li hu kellu xi flus fuqu li kien gabar mingahnd terzi persuni wara li kien ghamel xi deliveries.

L-Ispettur Antonello Grech ikkonferma li hu nvestiga lil Edward Buttigieg u dan kien qallu minghand min kien gabar l-flus li kellu fuqu u fil-fatt kien irrizultalu li verament Edward Buttigieg kien thallas minghand terzi dakinhar qabel mar bid-deliveries ghand l-imputat.

Xehed wkoll PC 1368 Edward Camilleri li qal li hu mar ikellem lil imputat fir-restaurant tieghu nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 2004 u dan ikkonferma li l-imputat qallu li Edward Buttigieg kien seraqlu xi mitejn jew tlett mitt lira. Dak l-hin hu tkellem ma omm l-imputat li qaltlu li hi kienet hemmhekk presenti waqt li nqala l-incident bejn l-imputat binha u Edward Buttigieg, pero qaltlu li fl-ebda hin ma rat lil Edward Buttigieg jiehu xi flus.

L-imputat ikkonferma li Edward Buttigieg dahal fil-hanut tieghu mal-lavrant tieghu Joshua Grech.  Dan Joshua Grech stqarr li dakinhar huwa kien dahhal erbgha kaxxi Heineken fir-restaurant tal-imputat u Edward Buttigieg dahhal kaxxa u qaghad jistenna hdejn l-bank biex jithallas. Rah johrog mill-but tieghu xi flus bl-intendiment li maghhom izid dawk li kien ser jaghtih l-imputat u dan kif dejjem jaghmel s-soltu.  Mistoqsi jekk Edward Buttigieg izommx l-flus f'xi kartiera, x-xhud wiegeb li ma kienx hekk, izda kien izommhom sfuzi fil-but.

Mistoqsi jekk rax il-vazett tal-flus fuq l-bank, x-xhud wiegeb fl-affermattiv u qal li ra lil imputat johorgu minn *cupboard*, ipoggih fuq il-bank ghalkemm hallieh maghluq u johrog biex jaqdi xi nies.  Mistoqsi jekk x'hin l-imputat rritorna, il-vazett kienx miftuh jew maghluq, x-xhud qal li ma jafx ghaliex ma tax kaz, ghalkemm jghid li fl-ebda hin ma ra lil Edward Buttigieg jersaq lejn il-vazett.

L-imputat stess wkoll ma jghidx li ra lil Edward Buttigieg jiehu l-flus mill-vazett ghaliex kien barra. Jghid biss li ra lil Edward Buttigieg bil-flus f'idejh w ghalhekk ikkonkluda li dawk l-flejjes kienu tieghu.

Din il-kawza ma hiex fuq akkuza ta' serq fil-konfront ta' Edward Buttigieg izda principalment dwar rapport falz maghmul mill-imputat fil-konfront ta' Edward Buttigieg w ghalhekk huwa kompitu ta' din il-Qorti tara x'inhuma l-elementi ta' dan r-reat.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar l-hamsa ta' Frar 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Borg**, hemm citat sentenza ohra moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Mary Dark deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 1942*** u hemm elenkati t-tlett elementi li jaghtu hajja ghar-reat ta' kaljuna u cioe:

1. L-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara lil peruna ddenunzjata;
2. L-akkuza quddiem l-awtorita` kompetenti; u
3. Li dik l-akkuza tkun tirreferi ghal kommissjoni ta' reat li ghalih d-denunzjant ikun jaf li d-denunzjat huwa innocenti [ara wkoll ***Rex v Caterina Debono - 12.11.1919 u Il-Pulizija v Violet Smith - 07.06.1952 it-tnejn mill-Qorti tal-Appell Kriminali***].

Kif jispjiega **Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu** a rigward tal-element formali ta' dan r-reat,

*"The accused who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accused who would not have acted from malice and would have merely used*

*and not abused a right which is competent to him." [pg. 62]*
*The knowledge on the part of informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid on the complaint made must be <u>certain</u> so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation." [pg. 62]"*

Issa fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dak ta' kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhumill-kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm, fatt jew cirkostanza bl-skop li dan il-fatt jew cirkostanza, tkun tist tingieb bhala prova kontra persuna ohra kemm fil-kalunja diretta kif wkoll f'dik indiretta. L-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja, strument t'ingustizzja kontra dik l-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat kontemplat fl-artikolu 110(1) tal-Kap 9 mhux bizzejjed s-semplici kliem migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz tieghu wiehed dolazment jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik l-persuna hi nnocenti, **izda** hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji **materjali** bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna.

Issa, fil-kaz in ezami zgur li ma jirrizultax li l-imputat holoq tracci jew indizzji materjali kif fuq imfissra. Zgur lanqas ma jirrizulta l-konsapevolezza tal-imputat li r-reat li hu ddenunzja fil-fatt ma sehhx. Fil-fatt l-imputat kien taht t-twemmin li effettivament gie derubat w ghalhekk semmai, il-pulizija ezekuttiva messha resqet lil Edward Buttigieg w akkuzatu bir-reat ta' serq fuq l-allegazzjoni tal-imputat u kien jispetta lil Qorti tara lil minn ghandha temmen dwar dak li effettivament gara.

Peress li **l-Qorti <u>mhux qed ssib</u> lil imputat hati tal-ewwel [1] w t-tieni [2] akkuza, t-tielet [3] akkuza, ma tirrizultax lanqas.**

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artkolu 101, 110(2) u 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lil imputat GEORGE SCHEMBRI hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------